



# Aħbar Tajba

Mal 1, 14b-2,2b.8-10
Salm 130 (131), 1.2.3
1 Tess 2, 7b-9.13
Mt 23, 1-12

**"Kliem biss għandhom,**
imma fatti xejn."

Illum xtaqt li nitkellmu fuq il-bżieżaq! Bużżieqa hi ġugarell tant sempliċi li jagħti tant gost lit-tfal u, ngħiduha kif inhi, anki lill-adulti. Hemm tant affarijiet li tista' tagħmel bil-bżieżaq. Tużahom biex tarma għal xi *party* mal-ħbieb. Tużahom biex turi li f'dak il-post qed jiltaqgħu l-ħbieb. Fuq kollox tista' tużahom biex tilgħab, u la qed nitkellmu fuq il-logħob irridu ngħidu li l-lista twila mhux ħażin tal-logħob li tista' tilgħab bil-bżieżaq – bżieżaq bl-ilma, bżieżaq marbutin mas-saqajn, bżieżaq biex tonfoħ f'daqsijiet u forom differenti... insomma, veru jġibu l-ferħ!

Però qatt ħsibtu li bużżieqa taf iġġib ukoll is-swied il-qalb?! Qatt rajtu tifel jew tifla li nfaqgħetilhom xi bużżieqa? Jaħasra tinqasam qalbi magħhom narahom jibku għax ikunu tilfu dik il-bużżieqa kkulurita li kienu qed jilagħbu biha.

Imma qatt ħsibt li kultant jista' jiġrilna bħall-bużżieqa? Kultant jiġri li nibdew ninteħfu bina nfusna. Flok ninteħfu bl-arja, ninteħfu għax naħsbu li aħna aħjar mill-bqija, li aħna nidhru isbaħ, nafu nilbsu isbaħ, b'saħħitna aktar mill-oħrajn, l-aktar bravi fil-grupp, l-aktar li nafu nilagħbu l-futbol jew l-aktar li għandna ħbieb! Kif indunajtu hemm ħafna affarijiet li jneffħuna. U nibqgħu ninteħfu u ninteħfu... u x'jiġri? Jekk nibqgħu naħsbuha, hekk jiġrilna bħall-bużżieqa – fl-aħħar tisma' ħoss kbir, tinfaqa' u tispiċċa biċċa lastiku bla forma u bla użu.

Fl-Evanġelju tal-lum, Ġesù qed javżana li jekk nimlew rasna li aħna aħjar minn xi ħadd, se jiġrilna bħall-bużżieqa li nteħħet iżżejjed. Hekk ġralhom ħafna qassisin fi żmien Ġesù. Ma kinux nies ħżiena. Imma għax bdew jaħsbu li l-oħrajn ma kinux tajbin bħalhom, spiċċaw biex tilfu t-triq it-tajba.

Min-naħa l-oħra, jekk ma ninteħfux iżżejjed u nibqgħu umli, inkunu qed nibnu teżor fis-sema. Ġesù jrid jurina li dak li għandna tajjeb hu don li rċevejna mingħand Alla, u jekk nużawh tajjeb se jwassalna li nirbħu s-Saltna tas-Smewwiet.

Allura minn issa 'l quddiem, meta tara bużżieqa, apparti li tieħu gost tivvinta xi logħba biha... ftakar ukoll biex ma tintefaħx bik innifsek għax inkella tispiċċa tinfaqa' u titlef dak li tant hu għal qalbek.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

KATEDRA, MOSÈ, KITTIEBA, FARIŻEJ, JGĦIDULKOM, ĦARSUH, KLIEM, BISS, KBIR, QADDEJ

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Q | A | D | D | E | I | K | A | N | M |
| A | GĦ | M | L | U | H | I | M | K | M |
| D | T | A | K | GĦ | M | L | U | A | A |
| F | A | R | I | Ż | E | J | S | T | B |
| Ġ | E | S | T | Ù | D | GĦ | I | E | Ħ |
| P | IE | T | T | R | U | I | X | D | A |
| Ġ | W | A | IE | N | N | D | X | R | L |
| N | A | Z | B | R | A | U | I | A | H |
| Ġ | I | J | A | S | I | L | P | Ġ | O |
| Ħ | A | R | S | U | H | K | L | IE | M |
| M | E | X | X | E | J | O | K | M | B |
| E | M | O | S | È | K | M | B | I | I |
| S | J | A | D | N | A | M | I | S | S |
| I | Q | A | D | D | E | J | R | IE | S |

# Il-kbir fostkom għandu jkun il-qaddej tagħkom; min jitgħolla jitbaxxa, u min jitbaxxa, jitgħolla.





# Il-Kewkba li ddiet

STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA

Dan l-Avvent ejja magħna
fi vjaġġ wara kewkba speċjali
li se tlaqqagħna ma' sultan ġdid.
Kuljum se timxi pass ieħor
fl-istorja li bidlet id-dinja.

Ibagħtilna email fuq
info@mediacentre.com.mt
**€1** VAT inkluża
jew ċemplilna fuq
2569 9100

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq



**info@sayitmalta.com**

Grazzi.

## AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web



**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ
kull ġimgħa u jitqassam
fil-parroċċi kollha
ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100
jew ibgħatilna email fuq
info@sayitmalta.com

**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq
*info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION